VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,086, 13 ta' Novembru, 2018
Taqsima B

A.L. 375 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts – M.A. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 65 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok is-sotto-paragrafu (ċ) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) grad minn din jew minn università oħra li l-Bord iqis li huwa komparabbli għal xi wieħed mill-gradi indikati fis-sotto-paragrafi (a) u (b) ta' dan l-ordinament. Din il-komparabbiltà tista', f'każijiet eċċezzjonali, testendi għall-applikanti li jipproponu tema ta' riċerka li fiha nnfisha tgħaqqad il-qasam ta' studju tal-ewwel grad u l-qasam li qegħdin japplikaw għalih. F'dawn il-każijiet, l-applikanti jkunu meħtieġa jattendu g]al intervista biex jiġi evalwat jekk għandhomx jiġu aċċettati, skont il-proċeduri stabbiliti mill-Bord."